MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 114/2004

**William u Sandra konjugi Gauci**

**Vs**

**Anthony Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm556.37c) rapprezentanti rifuzjoni ta' flus imhallsin eccessivament fuq xoghol ta' skavar mhux kompletat da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u inoltre l-hlas akkont li kien sar lill-konvenut sar ghal xoghol li attwalment gie ezegwit mill-istess konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ William Gauci, Dennis Farrugia, Perit Michael Falzon, Sandra Gauci, Joseph Cilia, Emanuel Gauci, Anthony Vella u Jesmond Vella.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Ian Spiteri Bailey ghall-atturi u Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-atturi kellhom proprjeta’ sottoposta ghal bini iehor ta’ kejl superficjali ta’ *circa* wiehed u ghoxrin pied bi tmenin pied u riedu jiskavaw tali proprjeta’ sa fond ta’ hdax-il filata li jgibu medda ta’ xi ghaxar piedi u nofs.

Jirrizulta mill-provi li huma nkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghol ta’ skavar versu kumpens pattwit ta’ tlett liri Maltin (Lm3) inkluz VAT kull jarda kubu.

Jirrizulta wkoll illi sar parti mix-xoghol u li l-atturi hallsu lill-konvenut ammont ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000). Ix-xoghol ma giex kompletat u fil-fatt l-atturi hadu l-kejl tax-xoghol li lahaq sar u nkarigaw lill-Perit Michael Falzon biex johrog il-kont relattiv u fil-fatt mill-kalkoli tal-Perit Michael Falzon jirrizulta li bir-rati pattwiti bejn il-partijiet, il-kumpens attwalment dovut lill-konvenut kien ta’ elf mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm1,255.33c) li ma’ din is-somma wiehed irid izid il-VAT biex b’hekk jigi total ta’ elf erba’ mija u tlieta w erbghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,443.62c) u stante li huma hallsu lill-konvenut elfejn lira Maltin (Lm2,000), talbu *refund* ta’ l-ammont mitlub fil-kawza odjerna.

Jirrizulta mill-provi li fil-fatt il-konvenut, tramite ibnu Jesmond, ghamel xoghol bil-JCB daqsxejn goff fuq il-bini in kwistjoni u halla *trimmings* ta’ bejn zewg piedi jew tliet piedi mat-tliet nahat tal-*plot* u halla wkoll ir-rampa li okkupat qisu zewg terzi tal-faccata b’tul ta’ xi hmistax-il pied. B’kalkolu approssimattiv dwar il-volum tax-xoghol li tqatta’ u li eventwalment ma tqattax mill-konvenut mal-kejl maghmul mill-Perit Michael Falzon, it-Tribunal huwa

sodisfatt illi fil-fatt il-kejl mehud mill-Perit Michael Falzon jirrifletti l-volum ta' tindif u tqattigh li sar mill-konvenut.

Illi ghalhekk bhala kont u kejl, kif maghmul mill-Perit Michael Falzon, dan jidher li huwa korrett.

Il-kwistjoni vera hija pero' jekk il-konvenut haqqux iktar kumpens, stante illi l-appalt lilu moghti gie mitmum qabel il-waqt u qabel m'hu kellu l-opportunita' li jlesti x-xoghlijiet kollha.

It-Tribunal jidhirlu li effettivament, fuq dan l-aspett hemm ftit ambigwita' fis-sens illi meta sar it-tqattigh bil-JCB il-kbir, it-tifel tal-konvenut waqaf u ghamel hekk ghaliex il-perit qallu biex it-*trimmings* jaghmilhom ftit ftit mal-bennej, fis-sens illi jqatta' hames piedi, l-bennej jibni dawk il-hames piedi mbaghad ikompli jqatta' l-hames piedi l-ohra u dan isir permezz ta' ngenji zghar. Inoltre, l-ewwel zewg piedi 'l isfel minfejn jispicca l-pedament tal-hitan ta' l-appoggi, kellhom isiru bil-*jack hammer*.

Fuq suggeriment tal-konvenut gie bniedem bil-*jack hammer* izda dan il-bniedem ma kompliex ix-xoghol ta' tqattigh bil-*jack hammer* u minflok l-atturi qabdu nkarigaw lil xi haddiehor biex jaghmel ix-xoghol tat-*trimmings* permezz ta' apparat iehor li jutilizza *circular saw* appozitu.

It-Tribunal huwa konvint ukoll illi meta l-atturi qabdu u nkarigaw lil haddiehor, huma m'avzawx lill-konvenut u lanqas ma temmew l-appalt izda hallew lill-konvenut jinduna wahdu meta mar ikompli x-xoghol u sab lil haddiehor.

Il-probabbilta' hija li l-konvenut illarga dawk il-gimaghtejn ghax kien qed jistenna li l-atturi jsibu lil haddiehor bil-*jack hammer* biex iqatta' z-zewg piedi ta' fuq tat-*trimmings* mad-dawra. Meta l-atturi ma sabux lil haddiehor inkarigaw lil xi hadd jahdem b'sistema differenti u dan baqa' sejjer bix-xoghol minflok ma qatta' dawk iz-zewg piedi biss.

F’dan ir-rigward ma jistax jigi njorat il-fatt li l-ftehim kien li l-konvenut jqatta’ kollox. Kien irrisponsabbli meta, f’nofs xoghol, qal lill-atturi jsibu lil xi haddiehor jahdem bil-*jack hammer*. Missu ghamlu hu stess jew qabbad in-nies hu a spejjez tieghu.

Hu tefa’ l-problema f’hagar l-atturi li da parti taghhom kienu fid-drittijiet kollha taghhom li jsibu l-ahjar rimedju ghalihom – kif fil-fatt ghamlu.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut m’ghandux dritt jezigi kumpens talli l-appalt gie mitmum qabel il-waqt.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ hames mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm556.37c) bl-interessi kif mitluba u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------